MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 825/2012

**Joseph Camilleri ID 449453M**

**vs**

**Emanuel Camilleri ID 454959M u Norbert Camilleri ID 517983M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'din il-kawza l-Attur qed jitlob minghad il-Konvenuti (jew min minnhom) is-somma ta' elf, mitejn, tnejn u disghin Ewro erbgha u tletin centezmi danni kagunati lilu permezz ta' tkissir u tehid ta' tmien CCTV Cameras u l-accessorji taghhom, appartenenti lill-Attur mill-fond Ir-Razzett Palma Farmhouse, fl-ghelieqi maghrufa bhala ta' Giovaddu, fin-Naxxar.

B'RISPOSTA l-Konvenuti cahdu l-allegazzjonijiet tal-Attur fil-konfront taghhom.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu biss siltiet mill-provi li izda ghandhom jitqiesu flimkien ma dak kollu li hemm fil-process inkluzi DVDs.

2. L-<u>Attur</u> (xehed *viva voce* u ressaq affidavit) qal li kellu vendikazzjonijiet fil-propjeta' tieghu u l-Pulizija (ghax hu naturalment irraporta dan) tawh parir jistalla CCTV *cameras*, kif ghamel fil-15/09/2012. Rah huh il-Konvenut Em. Camilleri, li bejniethom kellhom tilwim fuq wirt, u dan qallu: issa billi qieghed twahhal *cameras*, issa tara kemm ser idumu hemm!"

3. Fl-affidavit tieghu insibu dan:-

   *Erbat ijiem wara li wahhalt il-kameras, li jigi dak inhar tar-reat u cioe l-Erbgha 19 ta' Settembru 2012, gie it-tifel ta' hija Leli, Norbert (il-konvenut l-iehor) minn btala bil-Caravan. Dan jghix hemm fir-razzett l-iehor fl-istess common part. Meta rajt il-videos irrizulta li dan Norbert ghamel gurnata ihuf, jezamina l-kameras tieghi u iffittex il-"blind sectors".*

   *Dakinhar stess ghal xi 7:15pm, mort sar-razzett u pparkjajt il-karozza faccata tal-gate. Mort nara il-videos, rajt lil Norbert jinhasad meta ra l-karozza tieghi u aktar tard meta rajt il-video sibt illi kien qaghad jassisli u jissindikani minn wara l-hitan (irreferi ghal video log go Appendici A; 07:12:37pm).*

   *Iktar tard dakinhar stess ghal xi 09:20pm, ergajt mort ir-razzett mat-tifel tieghi il-kbir Neville, u rajt lil Norbert hiereg jigri l-barra mil-Gate bil-karozza tieghu.*

   *X'hin mort nara l-video sibt illi l-kameras kollha kienu inqallghu u nsterqu.*

4. Zied jispjega li hu sejjah lill-Pulizija meta xi t-3am sama (waqt li kien fil-garaxx) hsejjes ta' thaxwix fil-qasab li hemm. Hawn sejjah lill-Pulizija. Fuq il-post mar <u>PS839 Stephen Micallef</u> li qal li ra t-tqaccit u l-hsara li semma l-Attur u Norbert Camilleri baqa jsostni li ma kellu x'jaqsam xejn mal-incident. Ma jiftakarx dettalji izda jiftakar li "f'certu mument kelli nigbidlu l-attenzjoni li ma kienx qed ikun konsistenti f'dak li qed jghidli" u "li kien qed ibiddel id-diskors"

5. L-<u>attur</u> ta hafna dettalji fl-affidavit tieghu sew dwar hsara kif ukoll dwar il-pozizzjoni tal-*cameras* u hafna dettalji ohra.

6. <u>Neville Camilleri</u>, iben l-Attur qal li xi d-9:20pm tad-19/09/2012 ra lill-Konvenut Norbert Camilleri hiereg bil-karozza u wara ra l-*wires* tas-sistema tas-CCTV imdendlin b'mod li din ma setghatx tahdem.

7. Il-<u>Konvenut Em. Camilleri</u> qal li ma jafx kif huh dahhlu fl-istorja. Qal: jien ma noqghodx fil-post fejn hemm il-*cameras* ta' Joseph u dakinhar filghaxija ma kontx hemm izda d-dar, li tigi 'l boghod hafna mill-garaxx ta' Joseph.

8. Il-<u>Konvenut Norbert Camilleri</u> qal li ma tantx kellu xi jghid u l-Attur qabad u wahhal fih. Hu m'ghamel ebda hsara. Zied: jien noqghod hdejn il-garaxx ta' Joseph Camilleri, izda billi noqghod hemm ma jfissirx li jiena mort naghmillu l-hsara. Zied ukoll li hu ra l-*video* li gab l-Attur u osserva: Nidher fih flimkien ma missieri u zijuwi Pawlu inparlaw. Imma ghax nidher fih ma jfissirx li jien qaccatt il-*cameras* ta' Joseph. Billi hu joqghod hemm ma martu u wliedu u "huwa ovvju li ser issibni fuq il-post". Il-garaxx tal-Attur "jinsab fuq it-triq u kulhadd seta jidhol u jaghmel hsara".

9. Il-<u>Konvenuti</u> gew kontro-ezaminati u ma hareg xejn li jvarja mil-linja mehuda fl-affidavit taghhom.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Hawn ghandna kontendenti li, 'l hinn mill-mertu tal-kawza huma miggielda ma xulxin. L-Attur u l-Konvenut Emanuel Camilleri huma ahwa. Ghandhom glied dwar xi wirt u allura dak ta' bejn l-ahwa jigbor ghal mieghu lill-ulied. Il-Konvenut l-iehor Norbert Camilleri jigi n-neputi tal-Attur u iben l-Attur ix-xhud Neville Camilleri jigi n-neputi tal-Konvenut Emm Camilleri u l-prim kugin tal-Konvenut Norbert Camilleri.

2. Issemma wkoll Pawlu Camilleri, hu Joseph u Emmanuel, li jidher fil-*video* mal-Konvenuti – it-tlieta "jparlaw". L-Attur qal li ma kellux glied ma Pawlu izda bhalissa ma jitkellmux ghalkemm jekk dan ikellmu hu ma joggezzjonax.

3. Fil-Konvenuti wiehed ma jarax nies li ma kellhomx ghalfejn ikunu f'dawk l-inhawi, sahansitra fejn saret il-hsara, ghax huma, biex nghidu hekk, "tal-post ukoll".

4. Wiehed ihoss li ghalkemm tressqu hafna suspetti, hafna suspetti ma jikkostitwixxux prova. Anke "in civilibus", prova trid issir ukoll – ghalkemm forsi mhux bl-istess rigorozita' ta' dik *sine que non* f'sede kriminali.

5. Hawn jitqies li, stante l-antecedenti bejn il-familja tal-kontendenti, dak li jissoddisfa lill-Attur bhala prova mhux awtomatikament prova konvincenti ghal haddiehor, fuq quddiemnett dan it-TRIBUNAL.

V DECIZJONI

Meqjus dak kollu hawn kunsidrat u, jinghad b'enfasi, meqjus dak kollu li ssottomettew id-difensuri, dan it-TRIBUNAL <u>**jiddeciedi**</u> billi (1) <u>**jilqa**</u> l-eccezzjonijiet tal-Konventi (2) <u>**jichad**</u> it-Talba Attrici u (3) fic-cirkostanzi, fir-rigward tal-ispejjes tal-kawza <u>**jiddeciedi**</u> li dawn jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------